REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1570

tat-18 ta' Ottubru 2018

li jtemm il-proċedimenti li jikkonċernaw l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw fl-Arġentina u l-Indoneżja u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/476 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 fuq il-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Unjoni wara rapport adottat mill-Korp għall-Ftehim fuq Tilwim tal-WTO dwar kwistjonijiet fuq antidumping u antisussidji ([2]) ("ir-Regolament ta' awtorizzazzjoni tad-WTO") u b'mod partikolari l-Artikoli 1 u 2 tiegħu,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

(1) Fit-28 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni imponiet, permezz tar-Regolament (UE) Nru 490/2013, dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja ("ir-Regolament provviżorju") ([3]).

(2) Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Kunsill impona, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja ("ir-Regolament definittiv") ([4]).

(3) Fil-15 ta' Settembru 2016, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti Ġenerali") tat sentenzi fil-kawżi T-80/14, T-111/14 sa T-121/14 ([5]) u T-139/14 ([6]) (iktar 'il quddiem "is-sentenzi") li annullaw l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament definittiv safejn japplikaw għar-rikorrenti f'dawk il-kawżi (iktar 'il quddiem "il-produtturi esportaturi kkonċernati") ([7]).

(4) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea inizjalment kien appella s-sentenzi. Madankollu, wara d-deċiżjoni tal-Kunsill li jirtira l-appelli tiegħu, il-każijiet tneħħew mir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-2 u l-5 ta' Marzu 2018 ([8]). Konsegwentement, is-sentenzi saru definittivi u vinkolanti mid-data li fiha ngħataw.

(5) Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-istituzzjonijiet naqsu milli jistabbilixxu skont ir-rekwiżiti tal-liġi li kien hemm distorsjoni sinifikanti fil-prezzijiet tal-materji primi ewlenin użati għall-produzzjoni tal-bijodiżil fl-Arġentina u fl-Indoneżja bħala riżultat tas-sistema ta' Taxxa tal-Esportazzjoni Differenzjali li tapplika rati tat-taxxa differenti fuq il-materja prima u fuq il-bijodiżil. Hija kkonkludiet li l-istituzzjonijiet ma kellhomx iqisu li l-prezz tal-materja prima ma kienx rifless b'mod raġonevoli fir-rekords tal-produtturi esportaturi Arġentini u Indoneżjani u ma kellhomx jinjoraw dawn ir-rekords meta ħadmu l-valur normali tal-bijodiżil prodott fl-Arġentina u fl-Indoneżja.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 6.
([3]) ĠU L 141, 28.5.2013, p. 6.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013 tad-19 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju fuq importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja (ĠU L 315, 26.11.2013, p. 2).
([5]) Is-Sentenzi tal-15 ta' Settembru 2016 fil-Kawża T-80/14, PT Musim Mas vs Il-Kunsill, il-Kawża T-111/14 Unitec Bio SA vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawżi T-112/14 sa T-116/14 u T- 119/14, Molinos Río de la Plata SA et vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-117/14, Cargill SACI vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-118/14, LDC Argentina SA vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-120/14, PT Ciliandra Perkasa vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-121/14, PT Pelita Agung Agrindustri vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 402, 31.10.2016, p. 28).
([6]) Il-Kawża T-139/14, PT Wilmar Bioenergi Indonesia u PT Wilmar Nabati Indonesia vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 392, 24.10.2016, p. 26).
([7]) Il-produtturi esportaturi Arġentini Unitec Bio SA, Molinos Rio de la Plata SA, Oleaginosa Moreno Hermanos SACIFI y A, Vicentin SAIC, Aceitera General Deheza SA, Bunge Argentina SA, Cargill SACI, Louis Dreyfus Commodities S.A. (LDC Argentina SA), u l-produtturi esportaturi Indoneżjani PT Pelita Agung Agrindustri, PT Ciliandra Perkasa, PT Wilmar Bioenergi Indonesia, PT Wilmar Nabati Indonesia, PT Perindustrian dan Perdagangan Musim Semi Mas (PT Musim Mas).
([8]) Id-Digrieti tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Frar 2018 fil-Kawżi Magħquda C-602/16 P u C-607/16 P sa C-609/16 P, u tas-16 ta' Frar 2018 fil-Kawżi C-603/16 P sa C-606/16 P.

(6) Fis-26 ta' Ottubru 2016 il-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO (DSB - Dispute Settlement Body) adotta r-rapport tal-bord, kif immodifikat mir-rapport tal-Korp tal-Appell ("ir-Rapporti tal-Arġentina"), ([1]) fit-tilwima tal-Unjoni Ewropea — il-Miżuri Antidumping fuq il-Bijodiżil mill-Arġentina (DS473).

(7) Fit-28 ta' Frar 2018, id-DSB adotta wkoll ir-rapport tal-bord fl-Unjoni Ewropea — il-Miżuri Antidumping fit-tilwima dwar il-bijodiżil mill-Indonezja (DS480), ("ir-Rapport tal-Indonezja"). ([2]). Kemm l-Indonezja kif ukoll l-UE ma appellawx dan ir-rapport.

(8) Fir-Rapporti tal-Arġentina u tal-Indonezja ("ir-Rapporti"), instab, *inter alia*, li l-UE aġixxiet b'mod inkonsistenti ma':

— l-Artikolu 2.2.1.1 tal-Ftehim dwar l-Antidumping tad-WTO ("ADA" - Anti-Dumping Agreement), billi naqset milli tikkalkula l-kost tal-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat abbażi tar-rekords miżmuma mill-produttur;

— l-Artikolu 2.2 tal-ADA u l-Artikolu VI:1 (b)(ii) tal-GATT 1994 billi ma użatx l-ispiża tal-produzzjoni fl-Arġentina u fl-Indonezja meta kkalkulat il-valur normali ta' bijodiżil;

— l-Artikolu 9.3 tal-ADA u tal-Artikolu VI: 2 tal-GATT 1994 billi imponiet dazji antidumping li jaqbżu l-marġini ta' dumping li kellhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 2 tal-ADA u l-Artikolu VI:1 tal-GATT 1994, rispettivament.

(9) Fir-Rapport tal-Indonezja il-bord sab, barra minn hekk, li l-UE kienet aġixxiet b'mod inkonsistenti ma':

— l-Artikoli 2.2.2(iii) u 2.2 tal-ADA billi naqset milli tiddetermina l-profitt li normalment jagħmlu esportaturi jew produtturi oħrajn fuq bejgħ ta' prodotti tal-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tal-pajjiż tal-oriġini;

— l-Artikolu 2.3 tal-ADA billi naqset milli tikkalkula l-prezz tal-esportazzjoni ta' produttur esportatur Indonezjan, P.T. Musim Mas, fuq il-bażi tal-prezz li bih il-bijodiżil importat prodott minn P.T. Musim Mas l-ewwel ġie mibjugħ mill-ġdid lil xerrejja indipendenti fl-UE;

— l-Artikoli 3.1 u 3.2 tal-ADA, billi naqset milli tistabbilixxi l-eżistenza ta' twaqqigħ sinifikanti tal-prezz fir-rigward tal-importazzjonijiet Indonezjani.

(10) Il-Bord irrakkomanda li d-DSB jitlob lill-UE tressaq il-miżuri tagħha f'konformità mal-ADA u l-GATT 1994.

(11) Wara r-Rapporti tal-Arġentina, il-Kummissjoni bdiet rieżami ([3]) skont l-Artikolu 1(3) tar-Regolament (UE) 2015/476 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ("ir-rieżami"). Fil-bidu tar-rieżami, il-Kummissjoni ħabbret li hija tqis xieraq li teżamina l-konsegwenzi tal-konstatazzjonijiet tar-Rapporti tal-Arġentina anki għall-miżuri imposti fuq il-bijodiżil mill-Indonezja, peress li l-interpretazzjonijiet legali li jinsabu fir-Rapporti tal-Arġentina jidhru li huma wkoll rilevanti għall-investigazzjoni li tirrigwarda lill-Indonezja.

(12) Madankollu, matul ir-rieżami, il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' kummenti minn partijiet interessati dwar, b'mod partikolari, l-applikabbiltà tal-interpretazzjoni tar-Rapporti tal-Arġentina għall-miżuri fuq il-bijodiżil mill-Indonezja. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-analiżi tal-kummenti fir-rigward tal-Indonezja kellha bżonn iktar żmien u ddeċiediet li ma tinkludix eżami tal-Indonezja fir-Regolament emendatorju, iżda minflok iżżomm ir-rieżami miftuħ minħabba li kien jikkonċerna lill-Indonezja.

(13) Fit-18 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni adottat Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1578 li jemenda r-Regolament definittiv ("ir-Regolament emendatorju") safejn kienu kkonċernati l-produtturi ta' esportazzjoni Arġentinjani ([5]).

([1]) WTO, Report of the Appellate Body, AB-2016-4, WT/DS473/AB/R, is-6 ta' Ottubru 2016, u WTO, Report of the Panel, WT/DS473/R, id-29 ta' Marzu 2016.
([2]) WTO, Report of the Panel, WT/DS480/R, il-25 ta' Jannar 2018.
([3]) In-Notifika ta' bidu dwar il-miżuri antidumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indonezja, wara r-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fit-tilwima UE — il-Miżuri Antidumping fuq il-Bijodiżil (DS473) (ĠU C 476, 20.12.2016, p. 3).
([4]) Ir-Regolament (UE) 2015/476 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 fuq il-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Unjoni wara rapport adottat mill-Korp għall-Ftehim fuq Tilwim tal-WTO dwar kwistjonijiet fuq antidumping u antisussidji (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 6).
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1578 tat-18 ta' Settembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indonezja (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 9).

(14) L-annullament mill-Qorti Ġenerali tal-partijiet operattivi tar-Regolament definittiv fir-rigward tal-produttur esportaturi kkonċernati jaffettwa wkoll il-validità tar-Regolament emendatorju. Peress li r-Regolament emendatorju emenda r-Regolament li l-partijiet operattivi tiegħu ġew annullati, huwa nnifsu wkoll sar null u mhux applikabbli fir-rigward tal-produttur esportaturi kkonċernati.

(15) Fit-28 ta' Mejju 2018 ġie ppubblikat Avviż ([1]) li reġa' fetaħ l-investigazzjoni oriġinali dwar importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġina mill-Arġentina u l-Indoneżja li wasslu għall-adozzjoni tar-Regolament definittiv ("l-Avviż"). Fl-istess ħin, ir-rieżami pendenti fir-rigward tal-Indoneżja ngħalaq.

(16) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, il-proċedura biex ikun sostitwit att annullat tista' titkompla mill-punt stess li fih tkun seħħet l-illegalità. L-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex jikkonformaw mas-sentenzi, għandhom il-possibbiltà li jirrimedjaw l-aspetti tar-Regolament definittiv li wasslu għall-annullament tiegħu fir-rigward tal-produttur esportaturi kkonċernati ([2]).

(17) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tosserva mhux biss il-parti operattiva tas-sentenzi iżda wkoll ir-raġunijiet li wasslu għal dawk is-sentenzi u li kienu jikkostitwixxu l-bażi essenzjali tagħhom, sa tali punt li huma neċessarji biex tkun determinata t-tifsira eżatta ta' dak li ntqal fil-parti operattiva. Konstatazzjonijiet oħrajn magħmulin fir-Regolament definittiv, li ma kinux ikkontestati fil-perjodi preskrittivi għall-kontestazzjoni, jew li ġew miċħuda mis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u għalhekk ma wasslux għall-annullament tar-Regolament definittiv, jibqgħu validi ([3]).

(18) Sabiex tikkonforma mal-obbligi tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li tkompli bil-proċediment antidumping preżenti mill-punt li fih seħħet l-illegalità u għalhekk li terġa' teżamina l-metodoloġija użata sabiex jiġi kkalkulat valur normali.

(19) L-Avviż kien jinkludi fl-ambitu tiegħu r-raġunament tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali għall-produttur esportaturi kkonċernati u l-possibbiltà li l-konstatazzjonijiet jiġu estiżi għall-produttur esportaturi kollha mill-Arġentina u l-Indoneżja. Barra minn hekk, huwa qies il-konstatazzjonijiet tal-bordijiet tad-WTO u tal-Korp tal-Appell, kemm fir-rigward tal-Arġentina kif ukoll tal-Indoneżja, sabiex il-miżuri li nstabu inkonsistenti mad-WTO jinġiebu f'konformità sħiħa mal-Ftehimiet tad-WTO, skont l-Artikolu 19.1 tal-Qbil dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim.

(20) Fl-Avviż, il-Kummissjoni stiednet lill-produttur esportaturi kkonċernati u lill-industrija tal-Unjoni sabiex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u sabiex jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Avviż.

(21) Il-partijiet kollha li għamlu tali talba f'dak il-limitu ta' żmien, u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari sabiex jinstemgħu, ingħataw l-opportunità li jagħmlu dan.

(22) Waslu rappreżentazzjonijiet mill-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB - European Biodiesel Board), minn ħames produttur esportaturi fl-Indoneżja u mill-awtoritajiet tal-Indoneżja.

2. IMPLIMENTAZZJONI TAS-SENTENZI TAL-QORTI ĠENERALI U TAL-KONSTATAZZJONIJIET TAD-WTO

(23) Il-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li tirrimedja l-aspetti tar-Regolament definittiv li wasslu għall-annullament tiegħu, filwaqt li ma tbiddilx il-partijiet tal-valutazzjoni li mhumiex affettwati mis-sentenzi ([4]).

(24) Kif indikat fl-Avviż, barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat mill-ġdid il-konstatazzjonijiet definittivi tal-investigazzjoni oriġinali billi qieset il-konstatazzjonijiet tal-bordijiet tad-WTO u tal-Korp tal-Appell kemm fir-rigward tal-Arġentina kif ukoll tal-Indoneżja. Il-Kummissjoni ddeċidiet li testendi l-konstatazzjonijiet lill-produttur esportaturi kollha mill-Arġentina u l-Indoneżja. Dik ir-rivalutazzjoni kienet ibbażata fuq informazzjoni miġbura fl-investigazzjoni oriġinali u r-rieżami, kif ukoll fuq l-informazzjoni li waslet mill-partijiet interessati wara l-pubblikazzjoni tal-Avviż.

(25) Produttur esportatur Indoneżjan, Wilmar, insista qabel u wara d-divulgazzjoni li ma' hemm l-ebda bażi ġuridika sabiex terġa' tinfetaħ l-investigazzjoni fir-rigward ta' Wilmar peress li l-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament

([1]) L-Avviż dwar sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 fil-Kawżi T-80/14, T-111/14 sa T-121/14 u T-139/14 fir-rigward tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1194/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Arġentina u l-Indoneżja, wara r-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ DS473 u DS480 (UE - Miżuri Antidumping fuq it-tilwim rigward il-bijodiżil) (ĠU C 181, 28.5.2018, p. 5).

([2]) Il-Kawża C-458/98 Industrie des poudres sphériques (IPS) vs Il-Kunsill (2000) Ġabra I-08147.

([3]) Il-Kawża C-256/16, Deichmann SE, ECLI:EU:C:2018:187. par. 87.

([4]) Il-Kawża C-458/98 Industrie des poudres sphériques (IPS) vs Il-Kunsill (2000) Ġabra I-08147.

definittiv fl-intier tiegħu għal dik il-kumpanija. Madankollu, l-Artikolu 266 TFUE jipprevedi li istituzzjoni li l-att tagħha ġie ddikjarat null għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti. Barra minn hekk, l-UE għandha ġġib il-miżuri antidumping imposti fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet li jinsabu fir-Rapporti tad-WTO. Sabiex jiġi eżaminat liema miżuri jenħtieġ li jittieħdu għall-konformità mas-sentenzi tal-Qorti u tad-WTO, kien meħtieġ li terġa' tinfetaħ l-investigazzjoni fiż-żmien meta l-illegalità nstabet għaż-żewġ pajjiżi u għall-produtturi esportaturi kollha kkonċernati. Jekk miżura tiġix annullata kompletament jew parzjalment huwa irrilevanti għall-finijiet li jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni għandhiex konsegwentement tinvestiga mill-ġdid l-aspetti kollha tal-investigazzjoni li ġew qabel il-miżura annullata. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba.

(26) L-investigazzjoni oriġinali dwar id-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). Dwar il-parametri rilevanti fil-kuntest tal-valutazzjoni talħsara, ġiet analizzata data li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

3. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT

(27) Il-prodott ikkonċernat huwa esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew żjut tal-gass paraffiniċi li jinkisbu minn sinteżi u/jew minn trattament idriku, ta' oriġini mhux fossili, f'forma pura jew f'taħlita, li joriġinaw mill-Arġentina u mill-Indoneżja, li attwalment jaqgħu fil-kodiċi NM ex 1516 20 98, ex 1518 00 91, ex 1518 00 95, ex 1518 00 99, ex 2710 19 43, ex 2710 19 46, ex 2710 19 47, 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 99 92, 3826 00 10 u ex 3826 00 90 ("il-prodott ikkonċernat", komunement imsejjaħ "bijodiżil").

(28) La s-sentenzi tal-Qorti u lanqas ir-Rapporti ma jaffettwaw il-konstatazzjonijiet stabbiliti fil-premessi 16 sa 27 tar-Regolament definittiv dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili.

4. DETERMINAZZJONI TAL-VALUR NORMALI U KALKOLU TAL-MARĠNI TA' DUMPING

(29) Il-Kummissjoni vvalutat mill-ġdid il-konstatazzjonijiet tal-investigazzjoni oriġinali dwar il-kwistjonijiet talaġġustament tal-ispejjeż, il-limitu tal-profitt u l-għadd doppju.

4.1. Aġġustament tal-ispejjeż

(30) Is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u l-konstatazzjonijiet tad-WTO msemmija fil-premessa (8) kollha huma relatati malaġġustament tal-ispejjeż li saru mill-istituzzjonijiet tal-UE fir-Regolament definittiv.

(31) Kif imsemmi fil-premessa (28) tar-Regolament definittiv, il-Kummissjoni kienet iddeterminat li l-valur normali kellu jiġi maħdum peress li l-bejgħ domestiku ma kienx meqjus parti mill-perkors normali tal-kummerċ. Din il-konstatazzjoni ma ġietx ikkontestata u tibqa' valida. L-ebda parti interessata ma kkontestat din il-konstatazzjoni lanqas matul dan ir-rieżami.

(32) Fil-premessi (29) sa (34) tar-Regolament definittiv, il-Kummissjoni stabbiliet li d-differenza fit-taxxi talesportazzjoni imposti mill-Indoneżja fuq l-input tal-materja prima prinċipali (iż-żejt tal-palm mhux raffinat fl-Indoneżja u ż-żejt tal-fażola tas-sojja u l-fażola tas-sojja fl-Arġentina) u dawk imposti fuq il-prodott finali (il-bijodiżil) niżżlet il-prezzijiet domestiċi fl-Indoneżja u fl-Arġentina, u b'hekk jenħtieġ li dan jitqies fil-kalkolu talvalur normali.

(33) B'hekk, meta ħadmet il-valur normali, il-Kummissjoni biddlet il-kostijiet tal-materja prima prinċipali rrapurtati firreġistri tal-produtturi esportaturi bi prezzijiet ta' referenza ppubblikati mill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi kkonċernati.

(34) Il-Kummissjoni bbażat il-konklużjonijiet tagħha wkoll fl-investigazzjoni oriġinali fuq l-interpretazzjoni li l-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA jippermetti lill-awtorità nkarigata mill-investigazzjoni biex tirrifjuta li tuża r-reġistri talprodutturi esportaturi jekk tiddetermina li huma jew (i) inkonsistenti mal-GAAP jew (ii) ma jirriflettux b'mod raġonevoli l-kostijiet marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt kunsiderazzjoni (il-premessi (42) u (72) tar-Regolament definittiv).

(35) Il-Bord u l-Korp tal-Appell, fir-Rapporti kemm għall-Arġentina kif ukoll għall-Indoneżja, huma tal-fehma li l-Kummissjoni ma pprovdietx bażi legalment suffiċjenti skont l-Artikolu 2.2.1.1 sabiex tikkonkludi li r-rekords talprodutturi Indoneżjani u Arġentini ma kinux jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u lbejgħ tal-bijodiżil, jew sabiex tinjora l-ispejjeż rilevanti f'dawk ir-rekords meta jinħadem il-valur normali talbijodiżil.

(36) Wara r-Rapporti tal-Arġentina, il-Kummissjoni kienet ikkalkulat mill-ġdid il-valur normali għall-prodotturi esportaturi fl-Arġentina billi użat il-metodoloġija spjegata fil-premessi (40) sa (49) għall-Arġentina tar-Regolament provviżorju ([1]). Kif spjegat hawn fuq fil-premessi (11) u (12) il-Kummissjoni inizjalment kienet ikkalkulat mill-ġdid ukoll il-valur normali għall-prodotturi esportaturi fl-Indoneżja, billi użat il-metodoloġija spjegata fil-premessi (60) sa (65) għall-Indoneżja tar-Regolament provviżorju ([1]). Il-Kummissjoni issa applikat mill-ġdid din il-metodoloġija għaż-żewġ pajjiżi.

(37) Fis-sottomissjonijiet tiegħu magħmula wara l-ftuħ mill-ġdid ta' dan il-każ, l-EBB iddikjara li r-Rapporti ma jipprekludux ir-rikors għal aġġustament tal-ispejjeż għall-ispejjeż tal-materja prima meta jinħadem il-valur normali, sakemm ikun spjegat sewwa. L-istess talba saret matul ir-Rieżami wara r-Rapporti tal-Arġentina, u ġiet miċħuda mill-Kummissjoni billi aċċettat li din ma tkunx konformi mal-konstatazzjonijiet tar-Rapporti, kif spjegat fil-premessi (43) sa (53) tar-Regolament emendatorju. Peress li dik l-ispjegazzjoni tibqa' valida wara r-Rapport tal-Indoneżja, il-Kummissjoni kompliet tiċħad din it-talba.

(38) Għar-raġunijiet spjegati fil-premessi (44) u (64) tar-Regolament provviżorju, il-bejgħ domestiku fi kwalunkwe pajjiż ma kienx ikkunsidrat li sar fil-perkors normali tal-kummerċ u l-valur normali tal-prodott simili kellu jiġi maħdum skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi mal-kostijiet tal-produzzjoni aġġustati matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ġew miżjuda l-ispejjeż imġarrba tal-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u l-ispejjeż amministrattivi ("SG&A") u marġni ta' profitt raġonevoli.

(39) Kif spjegat fil-premessi (46) u (65) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni qieset li l-ammont ta' profitt ma setax ikun ibbażat fuq id-*data* attwali tal-kumpaniji li fuqhom sar il-kampjunar fl-Indoneżja. Għaldaqstant, l-ammont ta' profitt użat meta nħadem il-valur normali kien iddeterminat skont l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-ammont raġonevoli ta' profitt li industrija żagħżugħa u innovattiva ta' kapital intensiv ta' dan it-tip tista' tikseb taħt il-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni f'suq ħieles u miftuħ, jiġifieri 15 % ibbażat fuq il-fatturat.

(40) Fil-każijiet tad-WTO tal-Arġentina u l-Indoneżja, id-determinazzjoni ta' ammont ta' profitt ta' 15 % ġiet ikkontestata miż-żewġ pajjiżi li ddikjaraw li l-ammont għall-profitt ma kienx ibbażat fuq "metodu raġonevoli" kif meħtieġ mill-Artikolu 2.2.2 (iii) ADA. Fiż-żewġ każijiet, il-korpi tal-arbitraġġ tad-WTO kkonkludew li l-UE ma aġixxietx b'mod inkonsistenti mal-ADA f'dan ir-rigward. Għalhekk, l-ammont għall-profitt użat biex jinħadem il-valur normali jibqa' 15 %.

(41) Produttur esportatur mill-Indoneżja, PT Cermerlang Energi Perkasa, qal li l-Kummissjoni għandha tibbaża l-kalkolu tagħha fuq id-*data* tal-prodotturi inklużi fil-kampjun, jew, fi kwalunkwe każ, ma tirrikorrix awtomatikament għall-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku. Wara d-divulgazzjoni, huwa rrepeta l-istess ħaġa. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (40), id-WTO fir-Rapporti kienet diġà kkonkludiet li r-rikors mill-Kummissjoni għal dan l-Artikolu u l-applikazzjoni tiegħu ma kienx inkonsistenti mar-regoli tad-WTO. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba.

4.2. **Limitu tal-profitt**

(42) Għalkemm il-bord tad-WTO kien ikkonferma d-determinazzjoni tal-UE tal-ammont ta' profitt skont l-Artikolu 2.2.2(iii) ADA, huwa kkonkluda fir-Rapport Indoneżjan li meta awtorità tiddetermina l-profitt abbażi ta' xi metodu raġonevoli ieħor skont l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku, l-ADA jimponi fuqha li tiżgura li dak il-profitt ma jkunx jaqbeż il-profitt li normalment jagħmlu esportaturi oħrajn tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti fil-pajjiż. Fil-fehma tal-bord, l-UE naqset milli tistabbilixxi tali limitu ta' profitt.

(43) Sabiex jiġi stabbilit il-limitu tal-profitt meħtieġ skont l-Artikolu 2.2.2(iii) ADA, kien meħtieġ li jiġi ddeterminat liema kumpaniji jipproduċu prodotti li jikkwalifikaw bħala li jaqgħu taħt "l-istess kategorija ġenerali" bħall-bijodiżil.

(44) Fir-Rapport tal-Indoneżja, il-Bord innota fil-par. 7.62 li "l-Artikolu 2.2.2 (iii) ADA ma jispeċifikax rekwiżit partikolari fuq awtorità investigattiva dwar kif jiġi ddefinit liema prodotti jaqgħu fl-istess kategorija ġenerali ta' prodotti, sabiex jiġi determinat "il-profitt normalment imwettaq". Naqblu mal-Unjoni Ewropea li ma' hemm l-ebda obbligu li l-ambitu tal-prodotti fl-istess kategorija ġenerali jinftiehem b'mod wiesa". Fil-par. 7.63 hija żiedet "fil-fehma tagħna, awtorità raġonevoli u oġġettiva tista' tikkonkludi li l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti hija kategorija iktar stretta".

([1]) ĠU L 141, 28.5.2013, p. 6.

(45) Skont il-konstatazzjonijiet tar-rapport tal-Indoneżja, il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid id-*data* disponibbli għaliha li tista' tintuża sabiex tiddetermina limitu ta' profitt, kemm għall-Arġentina kif ukoll għall-Indoneżja. Hija qieset li hemm żewġ settijiet ta' *data* disponibbli għaliha li jaqgħu fl-istess kategorija ġenerali ta' prodotti.

(46) L-ewwel sett ta' *data* ġie pprovdut mill-kumpaniji fil-kampjun matul l-investigazzjoni oriġinali. L-Artikolu 2.2.2 ADA jgħid li l-ammont għal profitt għall-"esportatur jew il-produttur taħt investigazzjoni" huwa limitat skont l-Artikolu 2.2.2(iii) bl-ammont ta' profitt normalment imwettaq minn "esportaturi jew produtturi oħrajn fuq bejgħ ta' prodotti tal-istess kategorija ġenerali". L-iktar interpretazzjoni stretta tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti skont dan l-artikolu tkun limitata għall-istess prodott eżatt, jiġifieri l-bijodiżil. Id-*data* meħtieġa sabiex jiġi kkalkulat il-limitu tal-profitt ibbażat fuq il-profitti magħmula mill-produtturi tal-bijodiżil fl-Indoneżja u l-Arġentina huma faċilment disponibbli għall-Kummissjoni, peress li ġew ipprovduti lill-Kummissjoni mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun matul l-investigazzjoni oriġinali.

(47) Il-fatt li l-profitti attwalment magħmula mill-kumpaniji fil-kampjun ma ntużawx sabiex jiġi stabbilit marġni ta' profitt għal kull wieħed minn dawn il-produtturi skont l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku ma jwaqqafx lill-Kummissjoni milli tuża din id-*data* sabiex tistabbilixxi l-limitu tal-profitt skont l-Artikolu 2(6)(c). Dan jirriżulta mit-test tal-Bord fir-Rapport tal-Indoneżja fil-par. 7.65 fejn il-Bord ma jaqbilx mal-argument li "profitt normalment magħmul" fl-Artikolu 2.2.2(iii) ADA jfisser li investigatur jista' jinjora l-profitt magħmul fuq bejgħ li huwa kkunsidrat bħala mhux kompatibbli mal-prattika kummerċjali normali. Produttur esportatur Indoneżjan, PT Cermerlang Energi Perkasa, sostna wkoll fit-talba tiegħu li abbażi tar-Rapport tal-Indoneżja, fil-kalkolu tal-limitu tal-profitt, il-Kummissjoni mhix permessa li tinjora l-profitt relatat mal-bejgħ domestiku tal-bijodiżil fl-Indoneżja fuq il-bażi li dan tal-aħħar mhuwiex meqjus bħala magħmul fil-perkors normali tal-kummerċ.

(48) Wara din l-interpretazzjoni stretta tal-kategorija ta' prodotti, il-bijodiżil, il-Kummissjoni kkalkulat il-limitu ta' profitt għal produttur individwali billi użat l-ammont ta' profitt magħmul mill-produtturi l-oħrajn taħt investigazzjoni. Pereżempju, sabiex jiġi kkalkulat l-ammont ta' profitt għall-produttur Indoneżjan Wilmar, intużat il-medja ponderata tal-profitti magħmula mill-produtturi Indoneżjani investigati u vverifikati oħrajn P.T. Ciliandra, P.T. Musim Mas u P.T. Pelita. Għall-kuntrarju, għal P.T. Ciliandra, intużat il-medja ponderata tal-profitti magħmula minn Wilmar, P.T. Musim Mas u P.T. Pelita. L-istess metodoloġija ntużat sabiex jiġi kkalkulat il-limitu massimu ta' profitt għall-produtturi Arġentini investigati u vverifikati.

(49) It-tieni sett ta' *data* jinkludi d-*data* tal-produtturi, għajr dawk investigati, li ġiet ipprovduta lill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni oriġinali. Wieħed mill-produtturi Indoneżjani li kien qed jiġi investigat dak iż-żmien ippreżenta *data* minn kumpanija relatata dwar bejgħ ta' taħlitiet ta' bijodiżil u diżil minerali, kif ukoll bejgħ ta' fjuwil tad-diżil u żejt tal-fjuwil marin ("fjuwils oħrajn"). Il-marġni ta' profitt relatat ma' dan il-bejgħ kien irrappurtat li kien 10,2 %. Jekk jintuża bħala profitt massimu, dan il-marġni ta' profitt x'aktarx ma jwassal għall-ebda marġnijiet tad-dumping jew marġnijiet tad-dumping *de minimis* għall-kumpaniji kollha fl-Indoneżja. Madankollu, din id-*data* mhux verifikata ġiet ipprovduta għal produttur wieħed biss fl-Indoneżja, filwaqt li *data* simili ma kinitx magħmula disponibbli għall-Kummissjoni minn produtturi oħrajn fl-Indoneżja jew fl-Arġentina. Peress li d-*data* disponibbli għalhekk ma tistax tiġi applikata b'mod konsistenti għaż-żewġ pajjiżi, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kienx xieraq li tintuża d-*data* minn produttur wieħed biss f'pajjiż wieħed sabiex jiġi stabbilit limitu tal-profitt. Barra minn dan, fiż-żmien disponibbli għall-Kummissjoni wara l-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni, ma kienx fattibbli li tiġi vverifikata l-eżattezza tad-*data* pprovduta u l-kalkoli sottostanti. Fi kwalunkwe każ, peress li kif ġie kkonstatat fil-premessa (62) l-ammont ta' dumping għall-pajjiż kollu kemm hu jinstab li jkun *de minimis* u, għaldaqstant, l-investigazzjoni tintemm għall-kumpaniji kollha, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx neċessarju li tuża *data* mhux verifikata rrapportata tal-profitt fuq il-bejgħ ta' taħlitiet ta' bijodiżil ma' diżil minerali għall-fini tal-istabbiliment ta' profitt massimu. Il-Kummissjoni minflok qieset li kien aktar xieraq tistrieħ fuq id-*data* li ġiet ipprovduta u vverifikata matul l-investigazzjoni oriġinali.

(50) Żewġ produtturi esportaturi fl-Indoneżja, Wilmar u PT Pelita Agung Agrindustri, kif ukoll l-awtoritajiet tal-Indoneżja ddikjaraw li d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fl-għażla tad-*data* sabiex jiġi ddeterminat limitu ta' profitt hija limitata mill-konstatazzjonijiet tal-Bord fir-Rapport tal-Indoneżja. Wara d-divulgazzjoni, Wilmar tenna dan il-punt. Skont dawn il-partijiet interessati, il-Kummissjoni għandha tuża jew l-ammonti ta' profitt fuq bejgħ ta' taħlit ta' bijodiżil ma' diżil minerali jew inkella l-profitti miksuba fuq il-bejgħ ta' fjuwils tad-diżil u żejt tal-fjuwil marin. Madankollu, ma hemm xejn fir-Rapport tal-Indoneżja li jwaqqaf lill-Kummissjoni milli tuża *data* rilevanti disponibbli oħra. Fil-par. 7.70, il-Bord jiddikjara li "l-awtoritajiet tal-UE setgħu kkunsidraw dan il-bejgħ għad-determinazzjoni tal-limitu tal-profitt" u fil-par. 7.72, jiddikjara li "l-awtoritajiet tal-UE kellhom iqisu bejgħ tal-fjuwils tad-diżil u żejt tal-fjuwil marin sa [[***]] sabiex jiddeterminaw il-limitu tal-profitt." L-użu tal-kliem "setgħu" u "kellhom" mill-Bord fir-Rapport tal-Indoneżja jindika li l-Bord jemmen li l-Kummissjoni kellha

tikkunsidra jekk din id-*data* setgħetx tintuża sabiex jiġi stabbilit limitu ta' profitt jew le, pjuttost milli tinjora dik l-informazzjoni fuq il-bażi ta' interpretazzjoni żbaljata tal-frażi "profitti normalment magħmula". Il-kunsiderazzjoni ta' dan il-bejgħ issa saret fil-premessa (49), u l-użu ta' dan il-bejgħ partikolari ma ġiex meqjus xieraq u lanqas meħtieġ.

(51) Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-EBB ipprovda sett alternattiv ta' *data* li l-Kummissjoni tista' tuża sabiex tikkalkula limitu tal-profitt. Din id-*data* kienet tikkonċerna tliet kumpaniji li ma pproduċewx jew ma biegħux il-prodott ikkonċernat f'wieħed mill-pajjiżi investigati matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq il-bażi ta' informazzjoni pubblikament disponibbli u informazzjoni pprovduta minn żewġ produtturi esportaturi fl-Indoneżja, deher ċar li t-tliet kumpaniji kollha mhumiex ibbażati fl-Indoneżja iżda minflok fil-Malasja u Singapore. Id-*data* pprovduta mill-EBB kienet *data* aggregata meħuda mir-rapporti annwali u/jew mit-tħabbira tar-riżultati tal-kumpaniji rilevanti u tirrappreżenta marġni ta' profitt għal possibilment firxa wiesgħa ta' prodotti u kumpaniji relatati.

(52) Il-Kummissjoni ma qablitx li din id-*data* hija xierqa sabiex jiġi ddeterminat limitu tal-profitt. Il-prodotti ewlenin ta' dawn il-kumpaniji huma żejt tal-palm u prodotti bħal aċidi xaħmin, gliċerina, fertilizzanti, zokkor u melassa, stearina, butir tal-kawkaw jew kimiċi oleo. Xi kumpaniji jipprovdu wkoll servizzi mhux relatati bħall-ġestjoni ta' proprjetajiet residenzjali, ġestjoni tat-teżor jew manutenzjoni tal-ferroviji. Il-prodotti ta' dawn il-kumpaniji ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu fl-istess kategorija ġenerali ta' prodotti bħall-prodott ikkonċernat, il-bijodiżil. Dan huwa speċjalment il-każ għaż-żejt tal-palm tal-prodott, minħabba li dan huwa l-materja prima użata bħala input prinċipali għall-produzzjoni tal-bijodiżil. Il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' dan il-prodott fl-istess kategorija ġenerali bħall-bijodiżil tkun tinvolvi interpretazzjoni wiesgħa wisq ta' dik il-kategorija. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet l-użu tad-*data* proposta.

(53) F'investigazzjoni antidumping konkluża riċentement dwar l-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja lejn l-Istati Uniti, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti kienu kkalkulaw marġni ta' profitt ta' 6,15 % ([1]). Il-Kummissjoni eżaminat jekk din iċ-ċifra tistax tintuża bħala limitu ta' profitt. Madankollu, minħabba li din kienet ġejja mir-rapporti finanzjarji ta' produttur ibbażat fil-Ġermanja, lanqas ma setgħet tuża din id-*data*.

(54) Bħala konklużjoni, il-metodoloġija stabbilita fil-premessi (46) sa (48) issegwi l-loġika tal-Artikolu 2.2.2(iii) ADA u tuża d-*data* magħrufa u disponibbli fil-fajl lill-Kummissjoni, mingħajr il-ħtieġa għal investigazzjoni ulterjuri. Għalhekk huwa kkunsidrat li din il-metodoloġija hija l-iktar xierqa f'dan il-każ.

(55) L-użu ta' din il-metodoloġija jagħti r-riżultati li ġejjin. Għall-Arġentina, il-produtturi kollha involuti kellhom marġni ta' profitt attwali 'l fuq mill-15 % li, kif spjegat fil-premessi (39) u (40), intuża fl-investigazzjoni oriġinali. Medja ponderata ta' kull kombinament ta' dawn il-marġnijiet ta' profitt għalhekk dejjem twassal għal limitu ta' profitt ta' iktar minn 15 %. Dan ifisser li l-marġni ta' profitt ta' 15 % li kien iddeterminat fl-investigazzjoni oriġinali huwa taħt il-limiti ta' profitt individwali u għalhekk huwa l-marġni ta' profitt li għandu jintuża għall-kalkoli tal-marġini tad-dumping.

(56) Għall-Indoneżja, il-marġini ta' profitt attwalment milħuqa mill-produtturi taħt investigazzjoni kienu wkoll 'il fuq minn 15 % għal kulħadd ħlief għal kumpanija waħda. Peress li medja ponderata tintuża sabiex jiġu kkalkulati l-limiti ta' profitt individwali, dan il-marġni ta' profitt ta' inqas minn 15 % iwassal għal limiti ta' profitt għal xi produtturi li huma inqas minn 15 %, u għalhekk jeħtieġu aġġustament 'l isfel ta' xi wħud mill-marġni ta' profitt użati għall-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping. Għal kumpanija waħda, il-limitu ta' profitt kien iktar minn 15 %, li jfisser li l-marġni ta' profitt ta' 15 % għadu jrid jintuża. It-tliet kumpaniji l-oħrajn għandhom limiti ta' profitt ta' inqas minn 15 %, li jfisser li l-marġni ta' profitt użati sabiex jiġi kkalkulat il-valur normali ma jistgħux ikunu ogħla minn dak il-limitu. L-applikazzjoni tal-metodoloġija twassal għar-riżultati li ġejjin:

Tabella 1

Kumpanija	Marġni ta' profitt
P.T. Ciliandra Perkasa, Jakarta	15 %
P.T. Musim Mas, Medan	12,87 %
P.T. Pelita Agung Agrindustri, Medan	14,42 %
P.T Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan; P.T. Wilmar Nabati Indonesia, Medan	14,42 %

([1]) Id-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti, Investigazzjoni A-560-830, Memorandum, "Cost of Production and Constructed Value Calculation Adjustments for the Final Determination – Wilmar Trading Pte. Ltd." ("Spejjeż tal-Produzzjoni u Aġġustamenti tal-Kalkolu tal-Valur Kostruttiv għad-Determinazzjoni Finali - Wilmar Trading Pte. Ltd."), 20 ta' Frar 2018.

4.1. **Għadd Doppju**

(57) Fir-Rapport tal-Indonežja tiegħu, il-bord ikkonstata li l-UE kienet naqset milli tikkalkula l-prezz tal-esportazzjoni ta' produttur esportatur Indonežjan, P.T. Musim Mas, fuq il-bażi tal-prezz li bih il-bijodiżil importat prodott minn P.T. Musim Mas l-ewwel ġie mibjugħ mill-ġdid lil xerrejja indipendenti fl-UE kif meħtieġ skont l-Artikolu 2.3 ADA.

(58) Ċertu tip ta' bijodiżil (bijodiżil ibbażat fuq id-distillat tal-aċidu xaħmi tal-palm) huwa eliġibbli sabiex isir "għadd doppju" tiegħu għall-iskop tal-konformità mal-miri obbligatorji tal-UE għat-taħlit tal-bijodiżil. Minħabba dan, it-tagħmir għat-taħlit tal-UE għandu juża biss nofs dan it-tip ta' bijodiżil sabiex ikun hemm konformità mal-miri obbligatorji tal-UE għat-taħlit tal-bijodiżil. Peress li dan it-tip ta' bijodiżil għalhekk għandu valur ikbar għall-klijenti, produttur ta' dan il-bijodiżil jista' jitlob primjum lill-klijent. F'dan il-każ speċifiku, il-kwistjoni ta' għadd doppju tikkonċerna ċerti esportazzjonijiet ta' P.T. Musim Mas lil klijenti fl-Italja. Fl-investigazzjoni oriġinali, l-UE kienet injorat dan il-primjum meta ħadmet il-prezz tal-esportazzjoni tal-bijodiżil.

(59) Fid-dawl tal-konstatazzjoni tad-WTO li l-UE kienet injorat b'mod żbaljat dan il-primjum imħallas mill-klijenti fl-Italja, il-Kummissjoni vvalutat mill-ġdid il-kalkoli tagħha u aġġustat il-prezz tal-esportazzjoni għal P.T. Musim Mas kif xieraq.

4.2. **Marġnijiet tad-dumping ikkalkulati mill-ġdid**

(60) Ir-rati ta' dazju riveduti fir-rigward tal-esportaturi Indonežjani u Arġentini kollha fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-UE kif ukoll il-konstatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapporti tal-Indonežja u tal-Arġentina, espressi fuq il-prezz CIF tal-fruntieri tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, huma kif ġej:

Tabella 2

Pajjiż	Kumpanija	Il-marġni tad-dumping
L-Indonežja	P.T. Ciliandra Perkasa, Jakarta	– 4,0 %
	P.T. Musim Mas, Medan	– 4,7 %
	P.T. Pelita Agung Agrindustri, Medan	4,4 %
	P.T Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan; P.T. Wilmar Nabati Indonesia, Medan	6,2 %
L-Arġentina	Louis Dreyfus Commodities SA, Buenos Aires	4,5 %
	Molinos Agro SA, Buenos Aires; Oleaginosa Moreno Hermanos SACIFI y A, Bahia Blanca; Vicentin SAIC, Avellaneda	6,6 %
	Aceitera General Deheza SA, General Deheza; Bunge Argentina SA, Buenos Aires	8,1 %

(61) Fid-dawl tal-marġnijiet negattivi għoljin ta' dumping għal tnejn mill-erba' kumpaniji Indonežjani fil-kampjun, il-Kummissjoni vverifikat jekk il-marġni ta' dumping medju ponderat mal-pajjiż kollu li qies il-marġnijiet negattivi kienx ogħla *de minimis* kif previst fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.

(62) L-ammont ta' dumping fil-kampjun Indonežjan, espress bħala perċentwal tal-valur CIF tal-esportazzjonijiet tal-kampjun kien 1,6 %, jiġifieri, taħt il-limitu *de minimis* ta' 2 %.

(63) Fid-dawl tal-marġni tad-dumping *de minimis* mal-pajjiż kollu, l-investigazzjoni jenħtieġ li tintemm fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indonežja mingħajr miżuri.

5. **KONSTATAZZJONIJIET TA' DANNU RIVEDUTI BBAŻATI FUQ IR-RAPPORTI**

(64) Fir-Rapporti tal-Arġentina ġie kkonstatat, *inter alia,* li l-UE aġixxiet b'mod inkonsistenti mal-Artikoli 3.1 u 3.4 tal-ADA meta eżaminat l-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija domestika, sa fejn dan l-eżami kien jirrigwarda l-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità.

(65) Fir-Regolament emendatorju li ġie adottat wara r-Rapporti tal-Arġentina, din il-kwistjoni ġiet indirizzata fil-premessi (87) sa (123) [1]. La s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u lanqas ir-Rapport tal-Indonežja ma għandhom konstatazzjonijiet li jenħtieġu rivalutazzjoni ta' din l-analiżi li għalhekk għadha applikabbli.

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1578 tat-18 ta' Settembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indonežja (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 9).

(66) Matul l-investigazzjoni oriġinali, ġie meqjus xieraq li ssir valutazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet mill-Arġentina u l-Indonesja, peress li f'dak iż-żmien ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Il-konklużjonijiet dwar id-dannu u l-kawżalità għalhekk kienu bbażati fuq l-effett kombinat tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil miż-żewġ pajjiżi. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet issa ma' għadhomx issodisfati minħabba li ġie stabbilit li l-livell ta' dumping fil-pajjiż kollu għall-Indonesja kien taħt il-livell *de minimis* ta' 2 %.

(67) Għalhekk, għandu jiġi ddeterminat jekk analiżi tal-kawżalità limitata għall-importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Arġentina li kienu l-oġġett ta' dumping twassalx għall-konklużjoni ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.1. **Konstatazzjonijiet ta' dannu**

(68) Il-metodoloġija li hija l-bażi tal-analiżi tad-dannu magħmula fir-Regolament definittiv mhijiex affettwata mill-konstatazzjonijiet tas-sentenzi tal-Qorti u lanqas mir-Rapport tal-Indonesja, safejn jirrigwarda l-Arġentina. Il-konstatazzjonijiet rilevanti tar-Regolament definittiv għalhekk jibqgħu validi.

(69) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni kienet ta' madwar 9 052 871 tunnellata matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni tal-bijodiżil żdied b'5 %. Il-volumi ta' importazzjoni mill-Arġentina żdiedu b'total ta' 41 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li s-sehem mis-suq żdied minn 7,7 % għal 10,8 % matul l-istess perjodu. Għalkemm il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-bijodiżil mill-Arġentina żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat, xorta kienu għadhom inqas mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul l-istess perjodu. Id-differenza bejn il-prezzijiet mill-Arġentina u l-prezzijiet tal-Unjoni, espressa bħala perċentwal tal-prezz medju ponderat ta' kif joħroġ mill-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri l-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz, kienet tvarja minn 4,5 % sa 9,1 %. Filwaqt li l-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni kienet ta' 3,5 % fl-2009, hija sussegwentement naqset għal telf u laħqet – 3,5 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali (1 ta' Lulju 2011–30 ta' Ġunju 2012).

(70) L-analiżi fir-Regolament definittiv uriet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali kif definit fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku. Għalkemm il-konsum żdied, l-industrija tal-Unjoni tilfet mis-sehem mis-suq u mill-profittabilità. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet kisbu sehem mis-suq u waqqgħu l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni.

5.2. **Konstatazzjonijiet riveduti tal-kawżalità**

(71) Kif spjegat fil-punt 5.1, ġie kkonstatat li l-importazzjonijiet kollha mill-Arġentina għall-Unjoni kienu l-oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-konstatazzjonijiet tar-Regolament definittiv urew ukoll li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi mill-Arġentina żdiedu b'mod sinifikanti f'termini ta' volum (41 % matul il-perjodu kkonċernat) li rriżulta f'żieda fis-sehem tas-suq bi 3 punti perċentwali sat-tmiem tal-perjodu kkonċernat.

(72) Minkejja żieda ta' 5 % fil-konsum, l-industrija tal-Unjoni tilfet 5,5 punti perċentwali tas-sehem tas-suq matul il-perjodu kkunsidrat. Għalkemm il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-Arġentina żdiedu b'54 % matul il-perjodu kkunsidrat, kienu għadhom sew iktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni matul l-istess perjodu. L-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'marġni medju ta' twaqqigħ ta' 8 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(73) Peress li l-investigazzjoni ntemmet fir-rigward tal-Indonesja kif spjegat fil-premessi (60) sa (63), l-importazzjonijiet mill-Indonesja għandhom jiġu vvalutati separatament, bħala fattur ieħor li jista' jkun ikkawża dannu wkoll.

(74) Iċ-ċifri riveduti tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi (inkluża l-Indonesja) jagħtu l-prospett li ġej:

Tabella 3

		2009	2010	2011	PI
Bejgħ tal-produtturi tal-UE	Volumi ta' bejgħ (tunnellati)	9 454 786	9 607 731	8 488 073	9 294 137
	Indiċi 2009 = 100	*100*	*102*	*90*	*98*
	Is-sehem mis-suq	84,7 %	83,3 %	76,1 %	79,2 %
	Indiċi 2009 = 100	*100*	*98*	*90*	*94*

		2009	2010	2011	PI
Importazzjonijiet mill-Arġentina	Importazzjonijiet totali (tunnellati)	853 589	1 179 285	1 422 142	1 263 230
	Indiċi 2009 = 100	*100*	*138*	*167*	*148*
	Is-sehem mis-suq	7,7 %	10,2 %	12,7 %	10,8 %
	Indiċi 2009 = 100	*100*	*135*	*167*	*141*
Importazzjonijiet mill-Indoneżja	Importazzjonijiet totali (tunnellati)	157 915	495 169	1 087 518	995 663
	Indiċi 2009 = 100	*100*	*314*	*689*	*631*
	Is-sehem mis-suq	1,4 %	4,3 %	9,7 %	8,5 %
	Indiċi 2009 = 100	*100*	*303*	*689*	*600*
Pajjiżi terzi oħrajn	Importazzjonijiet totali (tunnellati)	699 541	256 327	161 973	175 370
	Indiċi 2009 = 100	*100*	*37*	*23*	*25*
	Is-sehem mis-suq	6,3 %	2,2 %	1,5 %	1,5 %
	Indiċi 2009 = 100	*100*	*35*	*23*	*24*

(75) Kien hemm tnaqqis sinifikanti fl-importazzjonijiet mill-Istati Uniti (l-Istati Uniti tal-Amerika), in-Norveġja u l-Korea t'Isfel wara l-impożizzjoni ta' miżuri fuq importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerka fl-2009 u investigazzjoni antiċirkomvenzjoni kontra importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Kanada fl-2010. Min-naħa l-oħra, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja żiedu s-sehem tagħhom minn 1,4 % għal 8,5 %, li rrappreżenta żieda ta' 500 % matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-istess ħin, l-industrija tal-Unjoni esperjenzat tnaqqis fis-sehem mis-suq minn 84,7 % għal 79,2 %.

(76) B'mod simili, l-importazzjonijiet mill-Indoneżja żdiedu b'iktar minn ħames darbiet matul il-perjodu kkonċernat, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni tilfet il-bejgħ. Ħarsa iktar mill-qrib turi li fl-2010 il-volumi ta' bejgħ ta' importazzjonijiet mill-Indoneżja żdiedu b'214 %. F'dik l-istess sena, madankollu, il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedu bi 2 %. Huwa biss fis-sena ta' wara li l-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu drastikament, li kkoinċida ma' żieda oħra ta' 119 % fl-importazzjonijiet mill-Indoneżja mill-2010 sal-2011.

Tabella 4

Prezz kull tunnellata (EUR)	2009	2010	2011	PI
UE	797	845	1 096	1 097
Indiċi 2009 = 100	*100*	*106*	*137*	*138*
L-Arġentina	629	730	964	967
Indiċi 2009 = 100	*100*	*116*	*153*	*154*
L-Indoneżja	597	725	864	863
Indiċi 2009 = 100	*100*	*121*	*145*	*145*
Pajjiżi terzi oħrajn (eskluża l-Indoneżja)	527	739	1 037	1 061
Indiċi 2009 = 100	*100*	*140*	*197*	*201*

(77) Barra minn hekk, il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja kienu ħafna inqas minn dawk tal-industrija tal-Unjoni u tal-importazzjonijiet Arġentini matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, minħabba li hemm ċerti differenzi bejn il-prodott mill-Indoneżja u l-prodott fis-suq tal-Unjoni, dan il-prezz tal-esportazzjoni għandu jiġi aġġustat sabiex jirrifletti r-relazzjoni kompetittiva bejn it-tnejn li huma.

(78) Fil-premessi (93) sa (97) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni kienet ħadmet aġġustament tal-prezz billi ħadet id-differenza fil-prezz fis-suq tal-Unjoni bejn il-bejgħ tal-bijodiżil fil-Punt Limitu tal-Filtrabbiltà fil-Ksieħ (CFPP - "Cold Filter Plugging Point") (13 (li jirrifletti l-kwalità Indoneżjana) u l-bejgħ tal-bijodiżil fis-CFPP 0 (li jirrifletti l-kwalità tal-UE). Anki wara dan l-aġġustament, il-prezzijiet tal-esportazzjoni Indoneżjani xorta waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'4 %.

(79) Madankollu, il-bord fir-rapport tal-Indoneżja ikkonstata fil-par. 7.158-159 li dan l-aġġustament tal-prezz ma kienx jirrifletti b'mod xieraq il-"kumplessitajiet f'relazzjonijiet kompetittivi" bejn il-bijodiżil Indoneżjan importat u l-prodott imħallat mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni. Il-bord ma offriex iktar gwida preċiża dwar il-metodoloġija sabiex titkejjel din ir-relazzjoni.

(80) Il-Kummissjoni nnotat li hemm firxa wiesgħa ħafna ta' possibbiltajiet għat-taħlit ta' tipi differenti ta' bijodiżil mal-bijodiżil Indoneżjan sabiex jinkiseb prodott komparabbli tal-UE. Għalhekk mhux prattiku li tiġi kkalkulata d-*data* tal-prezz dwar dawn it-tipi varji ta' taħlitiet ta' bijodiżil għall-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, il-produttur Ewropej tal-bijodiżil jikkunsidraw li l-aġġustament tal-prezz oriġinali, li jwassal għal twaqqigħ ta' 4 % fil-prezz, irrifletta tajjeb ir-relazzjoni kompetittiva. Fl-aħħarnett, il-bord innifsu indika fil-par. 7.159 li analiżi iktar kumplessa xorta setgħet ġġustifikat konstatazzjoni li l-importazzjonijiet mill-Indoneżja kellhom effett sinifikanti ta' twaqqigħ tal-prezz fuq il-prezz tal-prodott imħallat tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-esportazzjonijiet Indoneżjani matul il-perjodu ta' investigazzjoni waqqgħu l-prezzijiet tal-UE b'mill-inqas 4 %.

(81) Sabiex tiġi stabbilita rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu lill-industrija tal-Unjoni, għandu jintwera, skont l-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament bażiku, li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni, filwaqt li d-dannu kkawżat minn fatturi magħrufa oħrajn mhuwiex attribwit għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Il-kunċett ta' rabta kawżali huwa interpretat b'mod kompatibbli mad-WTO, li jfisser li jenħtieġ li jiġi stabbilit jekk hemmx relazzjoni kawżali ġenwina u sostanzjali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu lill-industrija domestika ([1]). Fil-premessa (189) tar-Regolament definittiv intlaħqet il-konklużjoni li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li l-effett ta' fatturi oħrajn, ikkunsidrati individwalment jew kollettivament, ma kienx tali li jkisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Arġentina u mill-Indoneżja u d-dannu mġarrab mill-Industrija tal-Unjoni.

(82) Madankollu, fid-dawl tal-fatti u l-analiżi riveduta stabbiliti fil-premessi (71) sa (80) wara l-limitazzjoni tal-analiżi għall-importazzjonijiet mill-Arġentina biss, din il-konklużjoni wkoll kellha tiġi riveduta.

(83) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni kważi nofs l-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni ġew mill-Indoneżja bi prezz iktar baxx mill-prezzijiet tal-Unjoni kif ukoll minn dawk tal-Arġentina. B'mod iktar importanti, iż-żieda esponenzjali fuq il-volumi ta' importazzjonijiet mill-Indoneżja kif ukoll is-sehem tas-suq tagħhom ikkontribwew b'mod sinifikanti għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(84) L-impatt tal-esportazzjonijiet Indoneżjani żied mal-fatturi l-oħrajn identifikati fir-Regolament provviżorju, fost oħrajn il-kapaċità żejda tal-industrija tal-Unjoni u d-dannu li sar minnha stess (premessi 132-140 tar-Regolament provviżorju).

(85) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-effett tal-importazzjonijiet tal-bijodiżil mill-Indoneżja lejn l-Unjoni u l-fatturi l-oħrajn identifikati fil-premessa ta' qabel kellhom sehem fil-ħsara li sofriet l-industrija tal-Unjoni b'tali mod li ma jistax jiġi stabbilit iktar li hemm relazzjoni kawżali ġenwina u sostanzjali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Arġentina u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(86) Wara d-divulgazzjoni, l-EBB sostna li n-natura ta' ħsara kkawżata minn fatturi oħra, inklużi l-importazzjonijiet Indoneżjani, ma jnaqqasx ir-rabta kawżali bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet mill-Arġentina. Huwa sostna wkoll li l-Kummissjoni applikat kriterju żbaljat fl-analiżi tagħha, allegatament ibbażata fuq is-suppożizzjoni li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Arġentina kellu jkunu kawża prinċipali, jew l-uniku kawża, ta' dannu materjali u mhux biss waħda mill-kawżi ta' ħsara. Skont l-EBB, ikun suffiċjenti biex jintwera li l-importazzjonijiet mill-Arġentina kellhom impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni mingħajr ma dawn ikunu l-unika jew l-aktar fattur importanti li kkawża d-dannu mġarrab. Peress li l-volum ta' importazzjonijiet mill-Arġentina fil-perjodu kkunsidrat (2009 — nofs l-2012) kien ogħla minn importazzjonijiet mill-Indoneżja, u minħabba li t-twaqqigħ Arġentin ta' 8 % inqas mill-prezzijiet tal-industrija

([1]) B'mod konsistenti mad-deċiżjoni tad-WTO f'Miżuri Kompensatorji tal-UE dwar Ċerti Tereftalati tal-Polietilene mill-Pakistan, fejn il-Korp tal-Appell iddeċieda li "L-għan ewlieni ta' analiżi tal-kawżalità skont l-Artikolu 15.5 tal-Ftehim SCM huwa li awtorità investigattiva tistabbilixxi jekk hemmx "relazzjoni ġenwina u sostanzjali ta' kawża u effett" bejn l-importazzjonijiet sussidjati u d-dannu lill-industrija domestika." Rapport tal-Korp tal-Appell, AB 2017-5, WT/DS486/AB/R, 16 ta' Mejju 2018, fil-par. 5.226.

tal-Unjoni kien ogħla mit-twaqqigħ Indoneżjan ta' 4 %, l-importazzjonijiet mill-Arġentina kellhom, fil-fehma tal-EBB, b'mod ċar impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li huwa biżżejjed biex tiġi stabbilita rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Arġentina u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(87) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza l-ewwel nett li hija diġà spjegat l-istandard legali applikat fil-premessa (81). F'din il-premessa ma jissemma l-ebda kunċett ta' kawża "prinċipali" jew inkella "ewlenija" għall-analiżi tal-kawżalità. L-istandard legali huwa bbażat fuq l-Artikolu 3(6) u 3(7) tar-Regolament bażiku, li jgħid li għandu jintwera li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping qegħdin jikkawżaw ħsara, filwaqt li fatturi magħrufin oħrajn għandhom ukoll jiġu eżaminati sabiex jiżguraw li l-ħsara kkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra ma tiġix attribwita għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. It-tieni, dak li qed jgħid l-EBB jiġifieri li l-kriterju rilevanti huwa jekk "l-importazzjonijiet iddampjati kellhomx impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni" ma għandux bażi fil-qafas legali. Tabilħaqq, t-test legali rilevanti huwa li jiġi stabbilit jekk kienx hemm "relazzjoni" ġenwina u sostanzjali bejn importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-Arġentina u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(88) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-fatti fil-fajl ma jippermettux li tintlaħaq tali konklużjoni. Fil-fatt, fl-2009, meta l-industrija tal-Unjoni diġà kienet iffaċċjat importazzjonijiet sinifikanti mill-Arġentina iżda biss kwantitajiet baxxi mill-Indoneżja, il-profittabbiltà tagħha kienet ta' 3,5 %. Meta l-importazzjonijiet Indoneżjani żdiedu sostanzjalment, il-profittabilità saret negattiva u kien ta' – 2,5 % fil-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi nnotat li l-importazzjonijiet mill-Indoneżja matul dak il-perjodu żdiedu b'mod sinifikanti b'rata aktar għolja mill-importazzjonijiet Arġentini (ara t-Tabella 3 hawn fuq). Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-dipendenza sħiħa tal-EBB fuq paragun bejn il-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indoneżja (kif aġġustat għad-differenzi fil-kwalità) u mill-Arġentina tonqos milli kompletament u adegwatament tirrifletti l-impatt li kellhom l-esportazzjonijiet ta' kull pajjiż li jesporta, fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-profitabbiltà.

(89) Il-Kummissjoni tikkonkludi li mhux possibbli li tiġi stabbilita relazzjoni kawżali ġenwina u sostanzjali bejn importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-Arġentina u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni minħabba l-importanza ta' fatturi magħrufa oħra li jikkontribwixxu għal dan id-dannu.

(90) Kumpanija waħda, COFCO Argentina S.A., ippreżentat lilha nnifisha wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1578 fejn sostniet li hija ssodisfat it-tliet kriterji kollha għal produtturi esportaturi ġodda stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament definittiv u pprovdiet evidenza ta' sostenn. Il-Kummissjoni analizzat it-talba u l-evidenza. Madankollu, fid-dawl tar-riżultati tal-investigazzjoni li nfetħet mill-ġdid, it-talba saret irrilevanti.

6. **KONKLUŻJONI**

(91) L-investigazzjoni jenħtieġ li tintemm (i) minħabba li l-marġnijiet ta' dumping mill-Indoneżja huma *de minimis* u (ii) minħabba l-fatt li ma jistax jiġi stabbilit li hemm relazzjoni kawżali ġenwina u sostanzjali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Arġentina u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kif meħtieġ skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku. Dan ifisser li l-miżuri eżistenti li għadhom fis-seħħ għal dawk il-produtturi esportaturi mill-Arġentina u l-Indoneżja li ma kkontestawx il-miżuri antidumping b'suċċess quddiem il-Qorti Ġenerali għandhom jiġu mħassra. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ċertezza tad-dritt, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 għalhekk jenħtieġ li jiġi mħassar.

(92) Id-dazji antidumping definittivi mħallsa skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 rigward importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Arġentina u mill-Indoneżja u d-dazji provviżorji miġbura definittivament skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu rimborżati jew jitnaqqsu sal-punt li huma relatati ma' importazzjonijiet ta' bijodiżil mibjugħ għal esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-kumpaniji li kkontestaw b'suċċess dan ir-Regolament fil-qorti, jiġifieri, il-produtturi esportaturi Arġentini Unitec Bio SA, Molinos Rio de la Plata SA, Oleaginosa Moreno Hermanos SACIFI y A, Vicentin SAIC, Aceitera General Deheza SA, Bunge Argentina SA, Cargill SACI, Louis Dreyfus Commodities S.A. (LDC Argentina SA), u l-produtturi esportaturi Indoneżjani PT Pelita Agung Agrindustri, PT Ciliandra Perkasa, PT Wilmar Bioenergi Indonesia, PT Wilmar Nabati Indonesia, PT Perindustrian dan Perdagangan Musim Semi Mas (PT Musim Mas). Ir-rimborż jew tnaqqis għandu jintalab mill-awtoritajiet doganali nazzjonali skont il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

(93) Wara d-divulgazzjoni, PT Cermerlang Energi Perkasa, sostniet li l-ħlas lura u r-remissjoni ta' dazji ta' antidumping għandha tkun disponibbli għall-kumpaniji kollha li kienu sofrew dawn id-dazji u mhux biss għal dawk il-kumpaniji li kkontestaw b'suċċess ir-Regolament definittiv quddiem il-Qorti. Hija ssostni wkoll li mhux biss ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 iżda wkoll ir-Regolament emendatorju 2017/1578 għandu jiġi revokat.

(94) L-ewwel nett, il-Kummissjoni fakkret li r-Regolament 2017/1578 biss emenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013. Peress li r-regolament tal-aħħar huwa mħassar ir-Regolament emendatorju jsir null minn kwalunkwe effett legali. Għalhekk, m'hemmx għalfejn li tħassar ukoll b'mod espliċitu dak ir-regolament. Fit-tieni, l-annullament tal-Qorti Ġenerali tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 japplika biss għal dawk il-kumpaniji li kkontestaw dak ir-regolament quddiem il-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, id-dazji antidumping li ġew imposti fuq kumpaniji oħra ġew legalment miġbura skont il-liġi tal-Unjoni. Sa fejn ir-rapport tad-WTO Indoneżjan sab li l-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet mill-Indoneżja għandhom jinġiebu f'konformità mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni, il-Kummissjoni ftiehmet mal-Indoneżja biex timplimenta dawk il-konstatazzjonijiet sa Ottubru 2018. F'konformità mal-prinċipji ġenerali ta' soluzzjoni tad-WTO, tali implimentazzjoni se jkollha effett biss mid-data tal-implimentazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx it-talba li anki dawk id-dazji għandhom jitħallsu lura jew jiġu rimessi.

(95) Fid-dawl tal-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ([1]), huwa xieraq ukoll li tiġi prevista rata tal-imgħax ta' inadempjenza li għandu jitħallas f'każ ta' rimborż ta' dazji definittivi, għax id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali ma jipprovdix għal din ir-rata tal-imgħax, u l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali twassal għal distorsjonijiet mhux dovuti bejn l-operaturi ekonomiċi skont liema Stat Membru jintgħażel għall-iżdoganar tal-merkanzija.

7. **DIVULGAZZJONI**

(96) Il-partijiet kollha ġew infurmati dwar il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni u ngħataw perjodu li fih setgħu jippreżentaw il-kummenti.

(97) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku ma tax opinjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-proċediment antidumping dwar importazzjonijiet ta' esteri monoalkiliċi ta' aċidi xaħmin u/jew żjut tal-gass paraffiniċi miksuba minn sintesi u/jew idrotrattament, ta' oriġini mhux mill-fossili, f'għamla pura jew kif inklużi f'taħlita li toriġina fl-Arġentina u fl-Indoneżja, li attwalment jaqgħu taħt kodiċi NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 21, 1516 20 98 29 u 1516 20 98 30), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 21, 1518 00 91 29 u 1518 00 91 30), ex 1518 00 95 (kodiċi TARIC 1518 00 95 10), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 21, 1518 00 99 29 u 1518 00 99 30), ex 2710 19 43 (kodiċi TARIC 2710 19 43 21, 2710 19 43 29 u 2710 19 43 30), ex 2710 19 46 (kodiċi TARIC 2710 19 46 21, 2710 19 46 29 u 2710 19 46 30), ex 2710 19 47 (kodiċi TARIC 2710 19 47 21, 2710 19 47 29 u 2710 19 47 30), 2710 20 11, 2710 20 15, 2710 20 17, ex 3824 99 92 (Kodiċi TARIC 3824 99 92 10, 3824 99 92 12 u 3824 99 92 20), 3826 00 10 u ex 3826 00 90 (kodiċi TARIC 3826 00 90 11, 3826 00 90 19 u 3826 00 90 30) ("bijodiżil") huwa b'dan mitmum.

Artikolu 2

Id-dazji antidumping definittivi mħallsa skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 dwar importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Arġentina u mill-Indoneżja u d-dazji provviżorji miġbura definittivament skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu rrimborżati jew jitnaqqsu minħabba li huma relatati ma' importazzjonijiet ta' bijodiżil mibjugħ għal esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-kumpaniji li ġejjin:

Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Arġentina	
Unitec Bio SA, Buenos Aires	C 330
Molinos Agro SA, Buenos Aires	B 784
Oleaginosa Moreno Hermanos SACIFI y A, Bahia Blanca	B 784
Vicentin SAIC, Avellaneda	B 784
Aceitera General Deheza SA, General Deheza	B 782

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-18 ta' Jannar 2017, Kawża C-365/15, *Wortmann*, EU:C:2017:19, punti 35 sa 39

Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Bunge Argentina SA, Buenos Aires	B 782
Cargill SACI, Buenos Aires	C 330
Louis Dreyfus Commodities S.A. (LDC Argentina SA), Buenos Aires	B 783
L-Indonesja	
PT Pelita Agung Agrindustri, Medan	B 788
PT Ciliandra Perkasa, Jakarta	B 786
PT Wilmar Bioenergi Indonesia, Medan	B 789
PT Wilmar Nabati Indonesia, Medan	B 789
PT Perindustrian dan Perdagangan Musim Semi Mas (PT Musim Mas), Medan	B 787

Ir-rimborż jew tnaqqis għandu jintalab mill-awtoritajiet doganali nazzjonali b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali għandhom japplikaw. L-imgħax ta' inadempjenza li għandu jitħallas f'każ ta' rimborż li jwassal għal dritt ta' ħlas ta' imgħax ta' inadempjenza għandu jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taħbat id-data tal-iskadenza, miżjuda b'punt perċentwali wieħed.

Artikolu 3

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 huwa mħassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER